MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2003

Numru 312/2003

**Pulizija**
**(Sp M Micallef)**
**vs**
**FRANK PAUL VELLA**

**Illum 21 ta' Mejju, 2003**

Il-Qorti.

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Frank Paul Vella, ta' 16-il sena iben Gerald u Josephine nee' Bonavia, imwieled Zabbar fit-22 ta' Dicembru 1986 u li joqghod 14, Benedict Flats, Zimelli Street, Hamrun, detenur tal-karta tal-identita bin-numru 7987(M), gie akkuzat:-

Talli fil-Marsa u f'dawn il-gzejjer, bejn id-29 u 30 ta' Otturbu 2002:

(a) Ikkommetta serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Toyota bin-numru LCC 345 ghad-detriment ta’ Mark Attard minn Hal Luqa, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa

(b) Saq l-istess vettura bin-nurmu LCC345 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan f’ismu mahruga mill-Kumissarju tal-Pulizija u b’hekk ma kienx kopert b’polza tas-sigurta dwar riskji ghal terzi persuni

(c) Saq l-imsemmija vettura LCC345 kontra il-one way

(d) Saq il-vettura LCC345 b’manjiera perikoluza

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok MM3 u nnutat li l-Imputat ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Nnutat li l-Imputat ammetta l-akkuzi. Spjegat bl-iktar mod solenni lill-Imputat il-konsegwenzi ta’ l-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni jew le u wara li gie mistoqsi jekk iridx jikkonferma l-ammissjoni tieghu jew le, l-Imputat rega wiegeb li hu hati.

Nnutat l-ufficcjal prosekutur ddikkjarat fil-Verbal tas-seduta ta’ llum li l-Imputat kkopera mal-pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 37, 261(f) u (g), 270, 271(g) u 281(b) tal-Kap 9, l-artikolu 3 tal-Kap 104, ir-Regolament 2 ta’ l-Avviz Legali 94 ta’ l-1969 u l-artikoli 15(1)(a), 17 u 18 u t-tieni skeda tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-Imputat Frank Paul Vella, fuq ammissjoni ta’ l-istess Imputat, hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-eta tenera ta’ l-Imputat, il-fedina penali netta, il-fatt li l-Imputat

kkopera mal-pulizija u li l-Imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-Imputat Frank Paul Vella ghall-piena komplessiva ta' tmintax(18)-il xahar prigunerija u Lm100 multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda' ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn millum l-Frank Paul Vella jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti qed taghti lill-Imputat Frank Paul Vella l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikoli 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 15(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-Imputat Frank Paul Vella milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur mid-data li hu jkun ghalaq 18-il sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------